# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**
**Appell Nru 48/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronnie Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronnie Bezzina talli fit-28 ta' Dicembru, 1999 ghall-habta tal-5.30 p.m. fi Vjal il-Haddiem, ir-Rabat (Malta) (**1**) saq vettura nru. IAI-952 b'manjiera traskurata, u (**2**) perikoluza, u aktar talli (**3**) talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tajjar lil Luigia Busuttil u involontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi kif iccertifikat Dott. Josephine Psaila M.D. tal-Isptar San Luqa; il-prosekuzzjoni talbet li l-ewwel qorti tiskwalifika lill-imsemmi Bezzina mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Frar, 2001, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Ronnie Bezzina;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-9 ta' Marzu, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

F'dana l-kaz l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell generali (jigifieri mhux biss fuq punt ta' dritt izda anki fuq punti ta' fatt) in forza ta' l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); kwantu ghat-tielet imputazzjoni, id-dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali hu msejjes fuq is-subartikolu (1A) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi, ma tistax tifhem kif l-ewwel qorti lliberat lill-appellat. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li waqt li l-appellat kien qed isuq il-vettura tieghu Skoda (mhux van tal-marka Toyota, Mazda jew Isuzu kif xehed l-ex surgent tal-pulizija Philip Cortis) ghaddej mit-triq indikata fl-imputazzjoni, kien hemm habta bejn il-genb tal-istess vettura u Luigia Busuttil li dak il-hin kienet qed taqsam l-istess triq, u din spiccat ma' l-

art. B'konsegwenza ta' din il-habta u/jew tal-waqa' ma' l-art, l-imsemmija Busuttil sofriet offizi ta' natura gravi per durata; fuq in-natura ta' l-offizi kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza quddiem l-ewwel qorti – ara l-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Frar, 2001. L-appellat, fix-xiehda tieghu, jghid li hu ma ra lil hadd jasqam it-triq. Dan huwa prova ta' nuqqas ta' "proper lookout" da parti tieghu, anke li kieku wiehed kellu jassumi, ghall-grazzja ta' l-argument, li Busuttil qasmet b'xi mod sgarbat u li kienet hi li baqghet diehla fil-vettura tieghu kif appena l-vettura waslet ma' genbha jew quddiemha. Effettivament din il-Qorti tara li kien hemm ukoll element ta' negligenza da parti ta' l-imsemmija Busuttil. Din tghid li ma rat ebda vettura gejja u li l-vettura li tajjritha bilfors li giet minn warajha. Issa, mill-provi ma hemm ebda indikazzjoni li f'dan l-incident kienet involuta xi vettura ohra ghajr dik ta' l-appellat. Mill-posizzjoni fejn Busuttil instabet fl-art (kif jirrisulta mill-iskizz maghmul mis-surgent Cortis u ezibit a fol. 3) huwa difficli wiehed jifhem kif din setghet intlaqtet minn wara. Hija aktar verosimili l-versjoni tal-akkadut moghtija mix-xhud Marika Galea, u cioe` li Busuttil baqghet diehla fil-bieba tax-xufier (waqt li l-vettura kienet ghadha qed tinsaq) tant li lwiet is-*side mirror* li kien hemm ma' dik il-bieba. Ghalhekk sia Busuttil kellha tara l-vettura, kif ukoll l-appellat kellu jara lil Busuttil. Fi kliem iehor, kieku l-appellat kien aktar attent fis-sewqan tieghu huwa kien jara lil Busuttil fi zmien utili u jew jieqaf u jhalliha tghaddi, jew idoqq il-*horn* biex jigbdilha l-attenzjoni biex hija tieqaf. Dana l-element ta' kontributorjeta` da parti ta' Busuttil ghall-incident ser jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena. Din il-Qorti, pero`, taghmilha cara li huwa rrelevanti, ghall-finijiet ta' htija, il-fatt – li jidher, mis-sentenza appellata, li ppreokkupa hafna lill-ewwel qorti – jekk Busuttil kienitx qed taqsam minn fuq iz-*zebra crossing* jew le. Sewwieq ghandu joqghod attent mhux biss ghal nies li jkunu qed jaqsmu minn fuq dawn l-istrixxi, izda anke ghal nies li jaqsmu mhux minn fuq dawn l-istrixxi. Iz-*zebra crossing* u l-uzu da parti tal-*pedestrian* ta' dawn l-istrixxi igib l-obbligu addizzjonali fuq is-sewwieq impost bir-regolament 89(1) tar-Rgolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur; il-fatt li *pedestrian* ma juzax l-istrixxi li talvolta jkunu disponibbli, anke fil-vicinanzi, ma jnaqqasx mill-obbligu tas-sewwieq li jzomm "a proper lookout" f'kull hin.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, filwaqt li tiddikjara lill-appellat Ronnie Bezzina hati skond l-imputazzjonijiet kif riportati aktar 'l fuq fil-bidu ta' din is-sentenza, wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-Artikoli 11(1)(3), 17(f) u 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imsemmi Ronnie Bezzina multa ta' mija w ghoxrin lira (Lm120) (pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'erbgha w ghoxrin gurnata prigunerija) kif ukoll tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal periodu ta' tlett (3) xhur. Il-periodu ta' l-iskwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur